MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Numru. 231/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**versus**

**Amor Maatoug**

Il-Qorti

1.Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Amor Maatoug ta' 31 sena, iben Mohammed u Fatima nee Medini, imwieled it-Tunesija fil-31 t'Awwissu 1972 u residenti temporanjament 143 The Strand Gżira u detentur tal-karta ta' l-identita' 20251 A

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer f'Marzu tas-sena 2004 u fiż-żmien ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

a) b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qligħ ta' madwar Lm4,000 għad-dannu ta' Cheng Lianhai, Zhao Zhan, Song Peng, Cao Chungfeng, Chi Haibin u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) u aktar talli approprja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna jew persuni oħra minn somma ta' flus li globalment tilħaq l-ammont ta' Lm4,000 jew aktar, liema somma ta' flus kienet tappartjeni lil diversi persuni ta' nazzjonalita' Ċiniża msemmija u persuni oħra u liema flus ġew fdati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir użu minnhom speċifikat u dan bi ksur ta' l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) u aktar talli safa reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati datati 27 ta' Frar 2001 u 27 t'April 2001

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kopja tal-formula tal-karta ta' l-identita' a fol 9, kopja tal-fedina penali (fol.10, 11, 12), l-ewwel tweġiba mogħtija mill-imputat fl-interrogatorju fejn wieġeb li ma kienx ħati (fol.13), il-verbal fejn kien stabbilit li x-xhieda li kellhom jisntemgħu fil-proċeduri 'Il-Pulizija (Spettur Helga Debono) versus Fawzi Hamdani' kienu identiċi għal dawk li kellhom jisntemgħu fil-każ 'Il-Pulizija (Spettur Helga Debono) kontra Amor Maatoug' allura l-evidenza mogħtija fit-tieni każ kellha tkun ripordotta fl-ewwel każ (fol.17), il-ħatra ta' l-interpretu biex tagħmel traduzzjoni miċ-Ċiniż għall-Ingliż, l-istqarrija ta' l-imputat magħmula fil-15 ta' Marzu 2004, il-kopja tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Jacqueline Padovani fis-27 t'April 2001 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Pierre Calleja et versus Amor Maatoug ben Mohammed et)', il-verbal ta' din il-Qorti tat-tlettax ta' Ġunju mogħti wara rikors magħmul mir-Reġistratur sabiex il-garanzija personali ta' elf lira tinbidel f'mitejn jum ħabs salv il-ħlas, il-ħatra tal-Prokuratur Legali Guliana Scerri Ferrante sabiex taqleb għall-Malti kull xhieda li nstemgħet, (fol.94),

l-eżenzjoni mogħtija mid-difiża sabiex il-Prosekuzzjoni ma ttellax xhieda u identita' għas-sentenza mogħtija fis-27 t'April 2001, l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Diċembru 2004 (fol.201), u l-verbal tas-27 ta' Lulju 2006 (fol.200) fejn l-imputat wieġeb li ma kellu ebda oġġezzjoni li l-kawża tinstemgħa bi proċedura sommarja

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' l-Ispettur Helga Debono, Cheng Lianhai, Bold Chadraabal, Cao Chunfeng, Shi Anpeng, Zhao Zhan, Yana Dai, Anpeng Shi, Peng Song, WPC 103 Marcelle Mifsud, Rita Calleja, Chi Haibin u l-Ispettur Joseph Cordina.

4. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-imputat

**Ammissjoni**

**5. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat magħmula fis-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2006 għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi u wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.**

6. Rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġeneral li huma

(a) l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) l-artikoli 18 u 293 tal-Kodiċi Kriminali
(ċ) l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**7. Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn it-tliet imputazzjonijiet, inkluża dik tar-reċidiva, ġew ippruvati skond il-Liġi. L-imputazzjonijiet jaqgħu kollha fil-parametri ta' l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.**

**Ikkunsidrat**

8. Li mill-atti jirriżulta li numru ta' studenti Ċiniżi li kienu ġew Malta biex jistudjaw l-Ingliż ħarġu somma ta' mhux anqas minn tlitt elef lira Maltija (Lm3000) - jew ukoll

somma akbar minn hekk – sabiex l-imputat iġibilhom visa ħalli jkunu jistgħu jmorru l-Italja. Minn dan kollu ma sar xejn u l-istudenti baqgħu mingħajr il-viża. Meta l-istudenti nsistew sabiex jieħdu flushom lura, baqgħu ma ħadux il-flus li kienu ħallsu.

9. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, kif ukoll wara li rat l-artikoli 17(h),18, 49, 50, 293, 308, 309, 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, (Kap 9) issib lil-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Piena**

10. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat mhix nadifa; il-fatt li ma ngħatawx lura l-flus lill-vittmi; kif ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet. **L-ammissjoni ma saritx fi stadju bikri iżda biss wara li kienu nstemgħu ħafna xhieda.**

11.Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena karċerarja ta' tmintax-il xahar (18) mil-liema piena għandu jitnaqqas iż-żmien kollu li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------